# Monsinjur Mattew Chircop - Kappillan tal-Ħamrun

**Kitba ta' Antoinette Sammut**



Monsinjur Mattew Chircop twieled il-Marsa fl-1 ta' Jannar 1916 u l-għada ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali tat-Trinità tal-istess lokal. Tawh l-isem ta' Mattew għal nannuh. Għammdu Patri Paċifiku, Kappuċċin. Sa minn ċkunitu kien dejjem devot ta' Ġesù fl-Ewkaristija Mqaddsa, u din l-imħabba hekk kbira kien juriha meta kien jilbes ta' Kavallier tal-Ordni ta' Malta ta' San Ġwann biex jieħu sehem, flimkien ma' ħutu, bħala gwardji ta' Ġesù Sagramentat fil-purċissjonijiet tat-Trinità u tal-festa ta' Corpus Christi. Tant kien magħruf għall-imħabba kbira tiegħu lejn Ġesù, li kienu jsejħulu bl-isem ħelu ta' *The Little Black Prince of Jesus Christ*.

Kien juri d-devozzjoni tiegħu anke fil-knisja, meta kien iservi l-Artal Imqaddes bħala abbati, u speċjalment meta kien ġie magħżul biex jagħmel il-priedka tal-Milied. Hu li kien tant iħobb lil Ġesù, esegwiha tant tajjeb u minn qalbu. Dakinhar iċ-ċkejken tifel tkellem fuq Ġesù, u Ġesù ukoll mill-banda l-oħra ma naqasx li jkompli jitfa' f'qalbu dawl ta' mħabba li l-quddiem kellu jmexxieh fit-triq li kien hemm fil-ħsieb tal-Providenza: triq is-Saċerdozju.

Il-Mulej imexxi lill-bniedem it-tajjeb minn toroq dritti u jurih is-Saltna t'Alla, u hekk il-Providenza Divina mexxiet lil dan il-'Kavallier'. Fil-Liċeo, għadda mill-eżami tal-Matrikola u daħal l-Università fejn kien ta' eżempju għal sħabu fit-tagħlim, fl-għemil u fl-umiltà kbira li biha Alla għoġbu jżejnu.

Kien fl-għodwa tas-Sibt, 19 ta' Ġunju 1943, f'riġlejn l-Artal tal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu, il-Ħamrun, li ġie ordnat Saċerdot minn Monsinjur Isqof Emanuel Galea. Kien l-ewwel kandidat ordnat Saċerdot f'din il-Knisja.

Fit-18 ta' Lulju 1943, għamel il-Prima Messa Solenni fil-Ħamrun. Ftit wara, għamel Prima Messa Solenni oħra fis-Siġġiewi peress li fil-gwerra kien refuġjat hemmhekk. Mill-bidu nett tas-Saċerdozju tiegħu wera żelu kbir u fedeltà lejn is-sejħa li tah Alla, u rajnieh jaħdem bla heda fil-Parroċċa tagħna ta' San Gejtanu. Dun Mattew beda l-ħidma saċerdotali tiegħu bħala Kappillan tat-tfal tal-Istitut ta' Cini fit-12 ta' Settembru 1943. Fid-29 ta' Frar 1944 kien għamel Katekiżmu lit-tfal ta' Cini u dakinhar kien mar l-Arċisqof Gonzi. L-Arċisqof qallu, *'Domani dormirai al Seminario'*. Dun Mattew daħal is-Seminarju bħala Prefett tat-Teoloġija u Teżorier.

Sadanittant kompla l-5 sena tal-kors fl-Università. Ippreżenta teżi żgħira *'Contra Faustum'* (ta' Santu Wistin) u ġiet aċċettata. Wara sentejn xogħol ta' riċerka ippreżenta it-teżi l-kbira *'De Causa Formali Incarnationis'*, u din ġiet aċċettata wkoll. Wara kellu eżami orali ta' siegħa mill-Professuri Mons. Sapiano, Mons. Turu Bonnici u mill-Prof. Serafin Zarb O.P., fid-Dommatika, Skrittura, u Morali. Għadda u kiseb l-Lic.D. Meta miet Dun Vincenzo Cassar, il-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez talab biex Dun Mattew jibqa' l-Ħamrun. Għalhekk reġa' ġie msejjaħ fil-Parroċċa bħala Sagristan Maġġur. Ftit wara l-Arċisqof reġa' sejjaħlu biex imur jgħallem l-Ingliż lil żewġ klassijiet preparatorji fis-Seminarju. Mr McKay, li kien jgħallem l-Ingliż fis-Seminarju, marad, u l-Arċisqof ordna lil Dun Mattew jgħallem hu kuljum lill-istudenti minn Form 1 sa Form 4. Fl-1947 kellu jitlaq is-Seminarju għax ġie magħżul Direttur Spiritwali tal-iskejjel tal-Gvern. Dam jaqdi dmirijietu sa Jannar 1957. Qdihom skrupolużament u qatt ma naqas li jagħti s-sehem tiegħu kollou fil-qasam edukattiv, reliġjuż, u soċjali. Għaraf jagħti pariri tajba u ħadem bla waqfien biex jara t-tfal jimmaturaw irwieħhom. Serva wkoll ta' Direttur Spiritwali tal-Banda San Ġużepp.

Dun Mattew kellu sehem kbir ukoll fil-proġett tal-bini tal-koppla. Difatti ġie magħżul minn sħabu biex fis-7 t'Awwissu 1956 jagħmel id-diskors tal-okkażjoni fl-inawgurazzjoni tagħha.



Fis-7 ta' Jannar 1957 kellu jersaq b'ubbidjenza għall-eżami ta' Kappillan u ġie magħżul. Hu qatt ma ried isir Kappillan għax kien jibża' imma fl-aħħar ċeda b'ubbidjenza.

Inħatar bħala s-sitt Kappillan tal-Ħamrun nhar id-9 ta' Jannar 1957. Ħa l-Pussess Solenni nhar il-Ħadd, 24 ta' Frar 1957. Kellu jdum iservi lill-Ħamrun bħala l-Kappillan għal 22 sena sħaħ.

Xejn ma kien imkabbar bil-kariga tiegħu ta' Kappillan u ddedika l-aħjar żmien ta' ħajtu għall-parruċċani kollha fejn żgur il-problemi u s-sagrifiċċji ma naqsu qatt. Kellu parroċċa kbira b'popolazzjoni ta' madwar 25,000 ruħ. Dun Mattew mill-ewwel fehem sew id-dmirijiet ta' Kappillan. Minn filgħodu kmieni kont issibu fil-konfessjunarju jqarar. Qatt ma naqas li jagħti l-faraġ tal-qrar u t-tqarbin lill-morda kollha ġewwa darhom. Dak iż-żmien ma kienx hawn Ministri Straordinarji tat-Tqarbin biex jgħinuh.

Ta' sikwit kien imur l-isptarijiet biex iżur lill-morda Ħamruniżi. It-tattika u l-paċenzja li kellu mal-morda u l-anzjani kienu ta' eżempju.

Matul it-22 sena ta' parrokat fil-Parroċċa Ħamruniża, rnexxielu jġib l-approvazzjoni għall-bini tal-Knisja tal-Kunċizzjoni u għall-Knisja tad-Duluri f'Tar-Rabbat. Kien preżenti għat-tqegħid tal-ewwel ġebla tat-tnejn. Kien iħalli l-għotjiet kollha li kien jirċievi mit-tberik tad-djar għal dawn iż-żewġ knejjes. Meta ħallas id-dejn tal-Knisja tal-Kunċizzjoni, talab lill-Monsinjur Arċisqof biex jagħmel din il-knisja Viċi Parroċċa tal-Ħamrun. L-Arċisqof laqa' t-talba ta' Dun Mattew.

Xi sentejn wara Dun Mattew talbu biex jagħmilha Parroċċa. L-Arċisqof skanta għax dak iż-żmien il-Kappillan kien jgħix b'dak li jdaħħal fit-tberik u miċ-ċertifikati. Dun Mattew baqa' jsostni t-talba tiegħu anke meta l-Arċisqof staqsieh kienx jaf x'qed jgħid. Għaqqad mat-talba tiegħu kundizzjoni waħda - dik li l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni ikun Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, għax wera l-mewt ta' Dun Edgar Vella, lilu kien sab biex imur hemm jieħu postu. L-Arċisqof ikkuntentah u laqa' ż-żewġ talbiet tiegħu. Kien ukoll fi żmien il-parrokat ta' Dun Mattew li nbniet il-Kappella tal-MUSEUM fi Blata l-Bajda. Sadanittant qatt m'abbanduna l-Knisja Parrokkjali. Riedha tisbieħ kif jixraq lit-Tempju t'Alla. B'kuraġġ kbir, b'tama fil-providenza, u bl-għajnuna ta' ħuh Ġakkinu, li kien benefattur kbir, biddel kollox: twieqi, żebgħa tal-knisja, induratura, pittura tas-saqaf u tal-koppla u aktar. Tibdil li ħoloq kontroversja u li minħabba fih Dun Mattew qala' daqsxejn fuq wiċċu kien it-tneħħija tal-altari biex flokhom tqiegħdu konfessjonarji kbar. Dan sar fuq parir tal-Prof. Emvin Cremona. Li kien isir kien ikunu jafu bih is-saċerdoti kollha tal-parroċċa. Kien ikun hemm min jaqbel u min le, iżda dejjem dak li sar, twettaq għax il-maġġoranza tagħhom kienu jkunu favur. Biss Dun Mattew jibqa' mfakkar bħala l-Kappillan li fi żmienu l-Knisja ta' San Gejtanu inbidlet f'ġawhra prezzjuża tal-arti sagra - tempju li jagħmel ġieħ lill-Ħamrun u lil Malta.



Jingħad li għalkemm dawn il-proġetti kollha swew somom kbar ta' flus, b'ħidmet Dun Mattew u dawk ta' madwaru, l-Knisja Ħamruniża qatt ma nefqet sold.

Bħala Kappillan, Dun Mattew ħadem ħafna fi gruppi reliġjużi ġewwa l-Parroċċa. Kien fundatur tal-Young Girls Association, għen kemm felaħ lil Dun Ġużepp Cachia biex isaħħaħ il-Kor tal-Ħamrun, u ta sapport kbir lill-Ħamrun Boy Scouts biex dan il-grupp reġa' qam fuq saqajh. B'rikonoxximent għal dan hu ġie mogħti t-Thanks Badge tal-Assoċjazzjoni mis-Chief Scout ta' Londra, Lord Baden Powell.

Waqt dan ix-xogħol kollu qatt ma warrab il-vera missjoni tiegħu, li jieħu ħsieb il-kura spiritwali tal-parruċċani. Hemm volum x'jinkiteb dwar dan. Il-missjoni tiegħu kien iwettaqha b'devozzjoni, b'ħeġġa, u b'entużjażmu. Kien jagħmel il-viżti tal-familji regolarment u kien jiftaħ l-uffiċċju parrokkjali kuljum. Kien jara kif jagħmel ukoll biex iżur lit-tfal fl-iskejjel tal-lokal.

Dun Mattew Chircop kellu mħabba kbira lejn il-Patrun tagħna San Gejtanu. Kienet l-għaxqa tiegħu jitkellem dwaru. Meta toqrob il-festa kien jaħdem bi sħiħ biex din tkun mezz ta' għaqda bejn il-poplu, imma l-aktar tkun għaqda m'Alla. Il-ferħ u s-sodisfazzjon tiegħu kont taraħ u tħossu hekk kif kien isellem lill-poplu minn fuq il-bradella ta' San Gejtanu, qabel mal-istatwa kienet tiddaħħal lura fil-Knisja.



Fid-9 ta' Novembru 1966, l-Arċisqof Gonzi kien għażel lil Dun Mattew bħala wieħed mill-konsulenti tiegħu, kariga li żamm għal 10 snin. Fl-istess waqt għamel ukoll 10 snin President tal-Kulleġġ tal-Kappillani. Fit-28 ta' Lulju 1975, b'apprezzament għax-xogħol siewi tiegħu, l-Arċisqof Gonzi talab biex Dun Mattew jiġi onorat u jsir Monsinjur tal-Papa, kif filfatt sar. Temm il-parrokat tiegħu fil-Ħamrun fl-14 ta' Jannar 1979 wara 22 sena.

Għalkemm kien waqaf iservi lill-Parroċċa Ħamruniża, Dun Mattew baqa' għaddej iservi lil Alla u lill-Knisja kull fejn intalab. Fis-7 ta' Diċembru 1979, Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca wera l-gratitudni tiegħu lejn Dun Mattew billi nnominah Monsinjur Effettiv tal-Katidral. Fit-28 ta' Frar 1981, l-Arċisqof Mercieca għolla lill-Monsinjur Chircop għad-dinjità ta' Arċipriet tal-Katidral Metropolitan ta' Malta, kariga li żamm għal 18-il sena. Minkejja x-xogħol li kellu ġewwa l-Imdina, u l-età avvanzata, Monsinjur Mattew Chircop baqa' jsib ħin jagħti sehem fl-attivitajiet spiritwali fil-Parroċċa tagħna. Kien saċerdot li veru għex il-Vokazzjoni tiegħu.

Monsinjur Mattew Chircop miet il-Ħadd, 20 ta' Lulju 2008. Ismu jibqa' mnaqqax fl-istorja tal-Ħamrun u mfakkar b'għożża.